**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA**

**minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (26)



Il-qaddiefa Sengleani Leli Micallef, Charles Caruana, Lorry Caruana u George Caruana jippożaw għar-ritratt fuq id-dgħajsa "Vitorja" wara s-suċċess tagħhom fl-1938

Kif naħseb li nnutajtu, kull personaġġ li jien intervistajt tatna l-istorja kif jiftakarha hu bis-sabiħ u l-ikrah tagħha.

Madanakollu, nerġa' ntenni, li dawn l-intervisti m'għandniex neħduhom bħala vanġelu u naċċettaw dak kollu li jingħad fihom huwa korrett u ġraw eżatt kif intqal, la fejn jidħlu dati, ismijiet ta' qaddiefa, ekwipaġġi jew ta' opri li jkunu ġerrew bihom – biss ikolli naċċetta l-fatt li f'xi wħud minnhom insibu siltiet fejn it-tagħrif mogħti fihom huwa preċiż u ta' min joqgħod fuqu.

Personalment, waqt dawn l-intervisti smajt b'tagħrif li kien ġdid għalija, u kif għamilt dejjem, indagajt dwaru ma' persuni oħra – dan hu is-sabiħ ta' dawn l-intervisti.

Ma ninsewx li l-maġġoranza tal-persuni intervistati kienu kollha qabżu sew is-70 sena u xi wħud it-80 sena wkoll, u kull wieħed minnhom kien qed jitkellem fuq episodji li ġraw ħafna snin qabel, u anke fuq persuni li ħadu sehem f'diversi edizzjonijiet tar-Regatta li saru fi żmienu u qablu wkoll.

Fl-aħħar artikli semmejna l-ewwel snin tar-Regatta Nazzjonali ta' wara l-gwerra, u xi wħud mill-intervistati tkellmu dwar il-kwistjoni li kienet inqalgħet fuq id-dgħajsa Fancy (ħafifa) li kellhom l-Isla, u li qabel il-gwerra, id-distretti ta' Bormla, Birgu u Marsamxett kellhom waħda bħalha.

Iddeċidejt li nkompli ngħaddilkom aktar tagħrif dwar din il-kwistjoni, b'intervista oħra li kont għamilt lil Charlie Row li kien ex-membru tal-kumitat tar-Regatta tal-Isla u segretarju tal-każin S.A.S.C.

Qabel l-intervista staqsejtu jgħidli x'jiftakar fuq it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra, iżda hu saħaq li jkellimni fuq il-kwistjoni li kienet inqalgħet fuq id-dgħajsa Fancy ta' l-Isla mad-dwana:

"Jien niftakar xi tiġrijiet li saru qabel il-gwerra b'mod speċjali meta l-Isla kienet armata tajjeb b'dgħajsa ta' bl-Erbgħa - fil-fatt aħna kellna żewġ dgħajjes armati tajjeb - b'waħda minnhom kienet mibnija mill-imgħallem Leli Pulé tal-Kalkara.

"Minn dawn iż-żewġ dgħajjes nixtieq ngħid, għax proprju fuq id-dgħajsa li bena Pulé kienet inqalgħet kwistjoni mad-dwana wara l-gwerra.

"Fl-1951 reġgħet bdiet is-sir ir-Regatta, u l-Isla kienet armata tajjeb f'kull korsa. F'dik l-edizzjoni (1951) kienu saru żewġ tiġrijiet ta' bl-Erbgħa. Dak iż-żmien lilna kienu jgħajruna li konna nġerru waħedna, iżda min jitkellem b'dan il-mod aktarx li ma kienx segwa t-tiġrija għaliex fiha barra l-Isla, ħadu sehem il-Marsa, il-Birgu, u f'xi koros Marsamxett u Bormla, ir-Raħal Ġdid u l-Kalkara.

"F'dik l-epoka, minbarra l-Isla, kemm il-Marsa kif ukoll il-Birgu kienu armati tajjeb iżda mhux daqsna. Għalkemm aħna rbaħna kull edizzjoni mill-1951 sal-1957, madankollu ma nistgħux ngħidu li ġrejna bihom.

"Huwa veru li l-qaddiefa tagħna fid-dgħajjes tal-Midalji ddominaw din il-korsa għal seba' snin, iżda taħsibx li nkun qed nesaġera meta ngħidlek, li kieku dawk l-erba' qaddiefa għadhom jaqdfu, ma nafx min seta' jgħaddihom ... issemmi lil ħadd ... dak l-ekwipaġġ kien l-aqwa wieħed li qatt rajna fil-kanal wara l-gwerra.

"Tifhimnix ħażin. Jien m'iniex qed ngħid li Bormla jew il-Birgu m'għandhomx qaddiefa tajbin, anżi naħseb, li llum aktar minn dari, kull distrett huwa armat tajjeb fil-korsi tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa, minħabba li f'dawn l-aħħar snin daħlet id-drawwa li ż-żewġ dgħajjes jarmawhom bl-istess ekwipaġġ.

"Qabel il-gwerra din id-drawwa ma kinitx teżisti għax kull distrett kellu ħafna barklori minn fejn jagħżel. Dwar l-ekwipaġġ tad-dgħajsa tal-Midalji li għamlet rekord ta' seba' rebħiet konsekuttivi li kien iffurmat mill-qaddiefa Charlie Abela (il-Bormliż), Louis Mallia , Ġanni Ghiller (it-Torta) u Wenzu Schembri (it-Tobí), nerġa' ntenni, għadu ma deherx ekwipaġġ ieħor bħalu.

"Il-ħasra hi, li dawn l-erba' qaddiefa li tawna tant suċċessi kienu diġà kibru fl-età fis-snin ħamsin, għax kieku l-kontribut tagħhom seta' kien akbar kieku t-tiġrija ma waqfetx għal 13-il sena wara l-gwerra, imbagħad, fl-1959, minħabba l-Bojkott ...

"Insomma, issa ejja niġu għall-kwistjoni tad-dgħajsa ta' bl-Erbgħa.

"Fl-1951 inqala' argument li d-dgħajsa tat-tiġrija tagħna li kienet inbniet qabel il-gwerra mill-imgħallem Leli Pulé (li kien espert fl-opri tal-baħar), u li aħna konna ġerrejna biha fl-1938 – l-aħħar tiġrija li kienet saret qabel il-gwerra.

"Kien kemm persuni d-dwana jew mid-distretti li kienu jipparteċipaw fir-Regatta ta' dak iż-żmien, li sostnew li d-dgħajsa tagħna kienet eħfef mid-dgħajjes l-oħra u għalhekk ma ridux jaqdfu magħna.

"Dan kien argument falz!, Il-Marsa ma kellhomx dgħajsa bħalha, iżda Marsamxett u l-Birgu kellhom, iżda dawn kienu qalu li tagħhom kienet tkissret fil-gwerra.

"Fil-fatt din id-dgħasa kienet ta' l-għaxra bħad-dgħajjes l-oħra, u għalhekk ma nafx jekk kinitx eħfef mid-dgħajjes l-oħra.

"Fuq din id-dgħajsa jien bħala segretarju tal-Clabb S.A.S.C ktibt artiklu dwarha, u nittama matul din l-intervista inti tagħmel riferenza għalih għax jagħtik stampa ċara dwar din il-kwistjoni. "

Nota: Fil-fatt jien fittixt dan l-artiklu u sibtu: Kien jismu "F'Ġieħ il-Ħaqq" li jinsab fil-perjodiku Invicta tal-1953 - Meta qrajt dan l-artiklu ddeċidejt li mal-intervista ta' Charlie Rowe nislet xi siltiet minnu. F'nofs dan l-artiklu nsibu dan li ġej:

"... L-Isla li sa mill-bidu ta' din it-tiġrija ħadet parti attiva fiha bosta drabi, rebħet il-maġġoranza tal-unuri.

"Din is-sena ħassew li għandhom jagħmlu dgħajsa biex biha jikkompetu fil-korsa ta' dgħajjes b'Erba' Mqadef (Passenger Boats)

"Billi l-ispiża biex isir dgħajsa ġdida tilħaq 'il fuq minn £120, ġiet irrangata dgħajsa li bħalha qabel il-gwerra kellhom ukoll Marsamxett, Bormla u l-Birgu, imma li mid-dwana kellha liċenzja "S" (Sports).

"Saru t-tibdiliet meħtieġa fiha u d-dgħajsa ġiet ippreżentata d-dwana biex tiġi mogħtija l-permess nhar l-4 ta' Settembru.

"Il-permess ġie mogħti, u n-nies tal-Isla ġew lejn il-Ponta u waħħlu fuq ir-Rota tagħha in-numru 177, il-permess tad-dwana ....

"Dan l-eżami jiġi magħmul l-aktar lid-dgħajjes li jikkompetu fit-tiġrija u jsir b'reqqa kbira meta dawn ikunu ġodda.

"Il-perit qabbel il-qisien ma' dawk maħruġin mid-dwana, u wara li sab li dawn huma sewwa ħareġ bil-famuża skuża, li fl-opinjoni tiegħu d-dgħajsa kienet ħafifa u mingħajr ma wiżinha qal li fiha xi diffetti oħrajn, imma ma riedx jgħid x'inhuma ... insomma f'kelma waħda, fl-opinjoni tal-perit tad-Dwana ma kinitx Passenger Boat u ma setgħetx tieħu sehem fit-tiġrija ....."

*(ikompli f'ħarġa oħra)*